**Rikors ippreżentat fit-12 ta’ Novembru 2021 – Łosowski vs EUIPO – Skawiński (KOMBI)**

**(Kawża T-730/21)**

(2022/C 24/62)

*Lingwa tar-rikors: il-Pollakk*

## Partijiet

*Rikorrent:* Sławomir Łosowski (Gdańsk, il-Polonja) (rappreżentant: K. Czub, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Grzegorz Skawiński (Sopot, il-Polonja)

## Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrent

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “KOMBI” –Trade mark tal-Unjoni Nru 12 534 491

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni taL-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta’ Settembru 2021 fil-Każ R 381/2017-5

## Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO u lil Grzegorz Skawiński għall-ispejjeż.

## Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fid-19 ta’ Novembru 2021 – Alcogroup u Alcodis vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-740/21)**

(2022/C 24/63)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Alcogroup (Brussell, il-Belġju) u Alcodis (Brussell) (rappreżentanti: P. de Bandt, C. Binet u M. Nuytten, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tordna lill-Kummissjoni tipproduċi d-deċiżjonijiet ikkontestata, abbażi ta’ miżuri ta’ organizzazzjoni tal-proċedura;